MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Numru 1199/2006

**Il-Pulizija .**
**(Spettur Alexander Grech.)**
**Vs.**

**J B (minorenni)**

DIGRIET.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tal-10 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti temenda l-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest u tordna ukoll li ssir garanzija kif rikjest tassattivament mis-subinciz (1) jew (2) tal-artikolu 577 tal-Kodici Kriminali.**

**Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-imputata u ordnat is-smiegh tar-rikors ghal-lum fit-8.30 am .**

**Rat in-Nota tal-istess J B (minorenni)  tal-15 ta' Novembru, 2006, li biha iddikjarat li taqbel mar-rikors tal-Avukat Generali.**

**Semghet lill-partijiet fl-udjenza tal-lum;**

**Ikkonsidrat ;**

**Rat illi fid-Digriet Taghha tas-7 ta' Novembru, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Tal-Minorenni , meta laqghet it-talba tal-akkuzata ghall-helsien mill-arrest, "bil-kondizzjonijiet kif indikati" (Sic!)**

**Illi pero' minn imkien ma jidhru x' inhuma dawn il-kondizzjonijiet, (ghajr forsi implicitament dik li ma tkellimx lix-xhieda Annabelle Bonnici u lis-Sur Wright u ma tersaqx lejn l-iskola E. Serracino Inglott, Cospicua) w senjatament ma jirrizultax li giet imposta garanzija.**

**Ikkonsidrat;**

**Li skond l-artikolu 574A (7) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tista' - hlief fil-kazijiet eccettwati fl-istess sub-artikolu - tehles lill-persuna akkuzata mill-arrest taht garanzija u taht dawk il-kondizzjonijiet li jista' jidhrilha xierqa. Skond l-artikolu 576, l-ammont tal-garanzija jkun fil-limiti stabiliti mill-ligi, skond il-kondizzjoni tal-imputat/a, ix-xorta w l-kwalita' tar-reat u z-zmien tal-piena li ghalih ikun suggett. L-artikolu 584 tal-Kodici Kriminali mbaghad jindika x'inhuma l-parametri tal-garanzija skond id-diversi gradi ta' gravita' tar-reati li l-akkuzat/a jkunu akkuzati bihom. F'dan il-kaz il-parametri huma minn ghoxrin  lira  sa ghaxart elef lira Maltin.**

**Hu minnu ukoll li s-subartikolu (3) u (4) tal-art.577 jipprovdu ghall-kaz fejn il-Qorti tista' tehles lill-**

**imputat/a minn kull xorta ta' garanzija meta hekk jihdrilha sewwa jew meta jkun jidher minn certifikat tal-Kummissarju tal-Pulizija li l-akkuzat/a ikun fqar u nies ta' morali tajba.**

Illi l-Qorti tal-Magistrati meta akkordat il-helsien mill-arrest lill-imputata bla garanzija u bla kondizzjonijiet ma jidhirx li ghamlet riferenza ghal dawn iz-zewg subartikoli appena citati pero'.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fid-digriet moghti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Ekramy Fadl Alla Abdel Aziz Mobarak"** [16.8.2006] :-

*"l-ligi taghna tipprovdi, bhala l-forma principali ta' garanzija mhux id-depozitu ta' somma (jew ta' rahan li jiswa daqsha), wisq anqas il-garanzija personali, izda li l-imputat igib plegg tajjeb – cioe` terz idoneu bhala garanti – li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita (Art. 577(1), Kap. 9). Il-garanzija bil-forma ta' plegg tajjeb taghti lill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dik il-flessibilita` mehtiega biex, min-naha l-wahda, anke min m'ghandux flus ikun jista' jinghata l-helsien mill-arrest kemm il-darba ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, u fl-istess hin l-ammont tal-garanzija jkun adegwat fid-dawl tal-Artikolu 576 u mhux ammont irrizorju (ara a propositu l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Gama Said Karfus v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fis-27 ta' April 2006). Il-kundizzjonijiet l-ohra tal-helsien mill-arrest li talvolta timponi l-Qorti huma intizi sabiex joholqu dak "il-bilanc mehtieg bejn l-interess tas-socjetà li tittutela l-integrità tal-procediment kontra l-persuna li tkun u d-dritt ta' dik l-istess persuna li ma tibqax taht arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra taghha jekk il-Qorti tkun sodisfatta li ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali" (ara wkoll digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Awissu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Geoffrey Azzopardi) v. Alfred Bugeja omissis**)"*

Kunsidrat dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikors tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh fis-sens li ghalkemm f'dan il-kaz ghandu jigi akkordat l-helsien mill-arrest, pero' biz-zieda tal-kondizzjonijiet infraskritti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 575 (4A) tal-Kodici Kriminali qed tilqa' t-talba tal-Avukat Generali u qed temenda l-kondizzjonijiet li gew (jew ahjar li ma gewx) stabiliti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Minorenni , kif gej u cioe' billi fil-waqt li tikkonferma l-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-akkuzata, tiffissa is-segwenti kondizzjonijiet li jridu jigu minnha osservati :-

i. li r-rikorrenti tidher u toqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;

ii. li ma tikkomunikax jew tipprova tikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, max-xhieda tal-prosekuzzjoni w senjatament ma Annabelle Bonnici u s-Sur Wright u ma tersaqx lejn l-iskola E. Serracino Inglott , Cospicua;

iii. li tirraporta darba kuljum fil-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, fis-7pm.

iv. li tikkonsenja il-passaport (jekk ghandha wiehed) u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess taghha, inkluza l-karta ta' l-identità Maltija, (jekk ghandha wahda) lill-Ispettur tal-Pulizija Alexander Grech, u li ma thallix jew tipprova thalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma titlax jew tipprova titla' fuq ebda daghjsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun; u

v. li taghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi :-
a) iggib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta' tlitt mitt lira (Lm 300); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif

provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneità ta' tali plegg, u f'dan il-kaz din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti.

b) jew tiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' tlitt mitt lira (Lm300),

U sakemm isir dan il-plegg jew id-depozitu, l-imputata tibqa' tinzamm arrestata w tinzamm fid-Depot tal-Pulizija l-Furjana , fejn ghandhom isiru arrangament specjali ghad-detenzjoni taghha stante l-eta' taghha.

Notifika ta' dan id-digriet lill-imputata, lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija (att. Spettur Alexander Grech).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------